**20 ta' Ottubru, 1959**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. F. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Nazzareno Attard

**"Confectionery" — Ġelati — Art. 161 tal-Kap. 54.**

*Il-ġelati jidħlu fis-sinifikat korrenti tal-vokabolu "confectionery"; u l-liġi ma teżiġix liċenza speċjali għall-manifattura u bejgħ tal-ġelati. Għaldaqstant, min għandu liċenza tal-Pulizija għall-manifattura u bejgħ ta' "confectionery" f'ċertu lokal, u fl-istess lokal jaħdem u jbiegħ il-ġelati, mingħajr liċenza speċjali tal-Pulizija, ma hux ħati li żamm ħanut għall-manifattura u bejgħ tal-ġelati mingħajr permess tal-Pulizija, jekk fil-liċenza li għandu "to manufacture and sell confectionery" ma hemm ebda limitazzjoni f'dan ir-rigward.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' Nazzareno Attard, li bih appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tal-15 ta' Lulju 1959, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellanti ġie misjub ħati li fis-26 ta' Ġunju 1959, il-Gżira, Moroni Street numri 16 u 16, żamm ħanut fejn jaħdem u jbiegħ il-ġelati mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, u ġie kundannat għall-ammenda ta' £3, bi żmien tmien tijiem biex juniforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 2s.6d. kuljum f'każ ta' nuqqas;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fis-26 ta' Ġunju 1959, fil-post indikat fiċ-ċitazzjoni, l-Ispettur Sanitarju Thomas Gaffiero sab lill-appellanti kwantità ta' ġelati lesti għall-bejgħ;

Irriżulta li għas-sena 1959 Paul Borg Bonaci kellu liċenza tal-Pulizija "to manufacture and sell confectionery" f'dak il-lokal;

Flimkien mal-appellanti kien ġie mħarrek fuq l-istess imputazzjoni l-imsemmi Borg Bonaci; iżda, peress li l-appellanti, kif ingħad fis-sentenza appellata, "assuma r-responsabbiltà", iċ-ċitazzjoni kontra tiegħu ġiet irtirata mill-Pulizija, u hekk baqgħet biss dik kontra l-appellanti. Il-motiv tal-appell huwa li l-liċenza "to manufacture and sell confectionery" tikkomprendi l -manifattura u l-bejgħ ta' ġelati;

Għandu jingħad, qabel xejn, illi r-responsabbiltà li assuma l-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti ma hix ta' ostakolu għal dan l-appell. Dik id-dikjarazzjoni tal-appellanti timporta biss li hu ammetta l-manifattura għall-bejgħ tal-ġelati li nstabu fil-lokal, imma ma timportax l-imputabbilità tal-appellant fil-konfronti tal-imputazzjoni. Din l-imputabbilità teżisti biss jekk jikkonkorru fil-fatt l-elementi tar-reat bħala entità ġuridika, u l-Qorti trid tkun soddisfatta mill-eżistenza ta' dawn l-elementi kif mill-liġi stabbiliti;

L-imputazzjoni hija magħmula taħt l-art. 161 tal-Kap. 54 tal-Liġijiet, li jipprojbixxi li jiġi miżmum post fejn jin-

ħadmu, jinbiegħu jew jinżammu għall-bejgħ, ħwejjeġ tal-ikel, mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-vokabolu "confectionery", fis-sinifikat tiegħu korrenti, jindika varjetà indeterminata ta' artikoli tal-ikel, li bħala regola jkollhom fost l-ingredjenti z-zokkor. Anki l-ġelati huma artikoli tal-ikel ta' dix-xorta. Dak li jikkaratterizzahom huwa l-proċess tal-konġelament. Hemm kwalità ta' "confectionery" li bl-istess ingredjenti jistgħu jiġu *konġelati* u jistgħu ma jiġux, u li meta jiġu konġelati jirċievu isem partikulari, bħal "ice puddings". Fil-fehma tal-Qorti, il-proċess tal-konġelament ma għandux jeskludi mill-konċett "confectionery" il-ġelati. Jidħlu f'dan il-konċett tant konfezzjonijiet, bħal "Apricot Mella", kemm il-frott imħallat bil-borra li Alessandro Magno jingħad li kien jiddistribwixxi lis-suldati fil-gwerra kontra l-Persjani;

Għall-manifattura tal-ġelati għall-bejgħ il-liġi ma teżiġix ebda liċenza speċjali, u ebda limitazzjoni f'dan ir-rigward ma ġiet *magħmula* fil-liċenza tal-Pulizija fuq riferita. Il-prattika, mbgħad, li fl-applikazzjoni għal ħanut ta' "confectionery" tiġi speċifikata l-manifattura tal-ġelati ma għandha ebda rilevanza ġuridika quddiem liġi ta' natura penali u l-ħruġ ta' liċenza, li ma jagħmlu ebda limitazzjoni dwar il-manifattura tal-ġelati;

Huwa veru li għal dawn l-artikoli tal-ikel huma meħtieġa miżuri sanitarji partikulari; dan, però, jifforma materja ta' dak il-kontroll u sorveljanza li l-awtoritajiet sanitarji *jeżerċitaw bi protezzjoni tas-saħħa* publika, mhux biss rigward il-manifattura tal-ġelati, imma anki għal kull xorta ta' artikoli tal-ikel destinati għall-konsum tal-publiku;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-appell u tillibera lill-appellanti.